MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Talba Numru. 959/2008

**Aquatess Marketing Limited (C33435)**

**Vs**

**Halina van Geest (ID No: 20455424)**

**It-Tribunal,**

Ra **l-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2008 li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf u hamsa u hamsin Euro (€1055) rapprezentanti bilanc ta’ ‘bonus’ moghtija mill-attur nomine lill-konvenuta skond ftehim tat-28 ta’ Novembru 2006 (Dok A) liema ftehim gie miksur mill-istess konvenuta kif jigi ppruvat waqt il-kawza. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta’ Settembru 2008 (Dok B) u imghax ta’ 8% fuq €1055 u nkluz €25 tal-konsult kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra **r-risposta** tal-konvenutaipprezentata fl-24 ta' Marzu 2009 li permezz taghha eccepiet illi l-konvenuta mhix il-legittima kuntradittur u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici; illi l-konvenuta ma tistax tinzamm legalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont mitlub meta kienet l-istess socjeta` attrici illi kienet marbuta li tissupplixxi prodott partikolari lil Spezzo Restaurant, liema fornitura giet itterminata minghajr l-ebda raguni imputabbli lill-konvenuta; sakv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda ta' **Joseph Ellul Sullivan** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li waqt is-seduta tal-1 ta' Gunju 2009 xehed illi madwar 4 jew 5 xhur wara li gie ffirmat il-ftehim, id-ditta tal-ilma Santa Croce qalghuhom il-barra u l-ilma Santa Croce beda jigi mqassam lir-rapprezentanti tal-Coca Cola f'Malta. Jghid li huma kienu gabu zewg ditti Taljani ohra, Magiatorella u Tavina u offrewhom lill-konvenuta taht l-istess kundizzjonijiet tal-ftehim, izda hi ma accettatx. L-ammont li qed jitolbu huwa ghalhekk ir-rifuzjoni tal-bonus pro rata ghall-ilma Santa Croce li ma xtratx minn ghandhom, relattiv ghal Lm500 kif jidhru fl-istess agreement.

Sema` x-xhieda ta' **Neil Sullivan** li waqt l-istess seduta kkonferma li l-firma fuq id-dokument in kwistjoni hija tieghu u kkonferma dak kollu li xehed missieru qablu.

Sema` x-xhieda ta' **Halina Van Geest** li waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 xehdet illi hija d-direttrici ta' Spezzo Co Ltd u li s-socjeta` attrici kienet offritilhom illi jekk jixtru b'Lm5000 ilma Santa Croce, dawn kienu ser jaghtuhom bonus ta' Lm500 fuq l-istess ilma. Ftit xhur wara il-manager taghha kien qalilha illi xi nies kienu qed igergru mill-ilma ghax ma kienx Santa Croce. Hija kellmet lis-socjeta` attrici li nfumatha li ma setghux jissuplixxu Santa Croce minhabba arrangament taghha ma' Pepsi Cola. Tghid li baqghu jixtru sparkling wine minghand Aquatess izda mhux ilma. Tghid li ma hu dovut xejn lis-socjeta` attrici ghaliex ma recevewx ilma minghandha.

Tghid ukoll li hi ffirmat ghal Santa Croce u mhux tip iehor ta’ ilma.

In kontro-ezami l-konvenuta tghid illi qatt ma recevew il-Lm500 bonus. Tghid li ffirmat a nom ta’ Spezzo Co Ltd. Tikkonferma wkoll li s-socjeta` attrici kienet offritilha tip iehor ta’ ilma izda hi kienet kellmet lill-avukat taghha.

Sema` t-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi qabel xejn it-Tribunal sejjer jissindika l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, ossia illi hija mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kuntratt validu bejn il-partijiet jaghmel ligi bejn l-istess partijiet. Il-ftehim li jirregola l-pendenza bejn il-partijiet huwa dak esebit mal-Avviz, DOK A. Ghalkemm l-konvenuta ssostni illi hija ffirmat ghan-nom tas-socjeta` Spezzo Co Limited, b’dana kollu il-ftehim ma jurix u ma jidhidx dan. Ghal kuntrarju, il-ftehim jindika lill-konvenuta f’isimha proprju mhux bhala direttur u/jew in rappresentanza ta’ socjeta` kummercjali b’entita` giuridika separata, izda bhala persuna sid tar-Restaurant bl-isem ta’ Spezzo.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ser tigi respinta.

Fil-mertu mbaghad, jigi rilevat illi s-socjeta` attrici, dejjem bbazat fuq il-fehim taghha mal-konvenuta DOK A, qed jirriklamaw il-hlas ta’ €1055 rappresentanti bilanc ta’ bonus moghti lill-konvenuta skond il-ftehim esebit. Is-socjeta` attrici tallega illi l-ftehim inkiser mill-konvenuta u dunque ghanda dritt ghar-rifuzjoni.

Minn naha taghha, l-konvenuta ssostni illi l-ftehim li kien milhuq kien marbut ma' ghamla partikolari ta' ilma, ossia l-ilma bl-isem ta' Santa Croce, u meta s-socjeta` attrici ma setghetx tibqa` tissupplixxi l-ilma ta' din l-ghamla, allura ma setghetx tibqa` tiehu l-ilma minghand is-socjeta` attrici, izda kellha tixtri ilma minghand haddiehor.

Jidher illi huwa pacifiku li jinghad illi in verita` u bhala stat ta' fatt huwa minnhu illi s-socjeta`  attrici ma setghetx tibqa` tissupplixxi l-ilma "Santa Croce" – izda hija ssostni illi kellha ilma iehor alternattiv.

Id-dicitura tal-ftehim huwa s-segwenti :

*It has been agreed that Aquatess Marketing Limited will give a bonus of Lm500 worth of Santa Croce Mineral Water to Spezzo Restaurant. This contract will be terminated after the client purchases Lm5000 wortj of the Santa Croce Mineral Water at …..*

*It is to be understood that should the client fail to purchase Lm5000 worth of Santa Croce Mineral Water, then Aquatess Marketing Limited has the right to be paid back the bonus of Lm500 in full.*

Minn dan il-bran, ghandu jirrizulta car u t-Tribunal ma ghandu ebda dubbju, illi l-ftehim dwar il-bonus kien intrinsicament marbut max-xiri tal-ilma tad-ditta specifikata "Santa Croce". Mhux biss jissemma tlett darbiet, izda addirittura anke l-ahhar parti tal-ftehim, riferibbli ghar-rifuzjoni lura tad-depositu, huwa specifikament marbut mal-ilma tad-ditta msemmija.

It-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet :

Ma hemmx dubbju illi ftehim bhal dan in ezami, propost mill-istess socjeta` attrici, ikun intiz illi jippromwovu l-konsum tal-prodott de quo, f'dan il-kaz, l-ilma Santa Croce.

Illi tant hu hekk, illi s-socjeta` attrici rabtet lill-parti l-ohra illi jekk ma tilhaqx certu ammont ta’ xiri, Lm5000 f’dan il-kaz, allura kien ikun dovut lura ir-rifuzjoni tal-bonus mhallas.

Illi f’dan il-kaz pero`, it-tort tal-fatt illi l-hanut ma baqghax ixtri ilma Santa Croce zgur illi ma jistghax jigi imputat lill-hanut, li anzi, fix-xhiedha taghha l-konvenuta xehdet illi hija kienet kuntenta bis-Santa Croce u riedet anzi aktar ilma – pero` s-socjeta` attrici ma kienitx f’posizzjoni illi tissupplixxi.

Illi dan ifisser illi n-nuqqas li wassal ghall-ksur tal-ftehim definittivament ma kienx tal-hanut, izda tas-socjeta` attrici. Kellha s-socjeta` attrici l-obbligu illi tissupplixxi l-ilma, haga illi ma setghetx taghmel aktar. Kienet x’kienet ir-raguni, ghalkemm il-konvenuta riedet aktar ilma, s-socjeta` attrici ma setghetx tissupplixxiha bl-ilma bil-prezz li kien miftiehem.

Illi ghalhekk il-ksur tal-ftehim sar mis-socjeta` attrici u definittivament mhux mill-konvenuta. It-Tribunal ihares lejn l-ahhar klawsola fil-ftehim, hawnhekk invokata mis-socjeta` attrici u li a bazi taghha qed tressaq il-pretensjoni taghha – u jikkonkludi illi una volta ma kienitx il-konvenuta illi naqqset milli tixtri l-ilma, izda kienet is-socjeta` attrici li naqset milli tissupplixxi l-ilma, allura s-socjeta` attrici ma ghandux ikollha d-dritt illi tavvanza l-pretensjoni taghha a bazi tal-ftehim.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u d-dokumenti esebiti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa` l-bqija tal-eccezzjonijiet taghha u konsegwentament jichad it-talbiet attrici ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------